# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL

### L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

**9 ta' Jannar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Albert Falzon Sant Manduca et.

*versus*

Blanche Weale

**Liċitazzjoni—Ċessjoni ta' Drittijiet Ereditarji—Konsorzju — Interess — Testment — Donazzjoni — Pussess — Tolleranza — Titolu — Terzi — Kitba taż-Żwieġ — Denunzja tas-Suċċessjoni — Art. 595 Kap. 23.**

*Min hu werrtet jista' jċedi d-drittijiet tiegħu ereditarji, imma b'dan kollu hu ma jċedix, u ma jistax iċedi, il-kwalità tiegħu ta' eredi bil-konsegwenzi li din il-kwalità timporta; b'mod li, jekk hu, avvolja jkun ċeda d-drittijiet tiegħu ereditarji, jagħmel kawża flimkien maċ-ċessjonarju ta' dawk id-drittijiet. biex jiġi liċitat oġġett appartenenti lill-eredità, ma jistax jiġi sostnut illi dak iċ-ċedent ma għandux interess jagħmel dik il-kawża, u li l-preżenza tiegħu fiha hija inutili; molto pjù jekk iċ-ċessjoni minnu magħmula ma tkunx ġiet denunzjata skond il-liġi.*

*Apparti mill-punt, li jista' jkun kwistjonabbli, jekk dik iċ-ċessjoni, magħmula b'sempliċi skrittura u mhux b'att publiku,*

*hijiex valída, trattandosi ta' dritt li jista' jitqies ereditarju, jibqa' dejjem illi ċ-ċedent ikun ċeda l-interess li kellu fl-oġġett li tiegħu tintalab il-liċitazzjoni, u x-xorta ta' dak l-interess; ċjoè jekk kellux ikun in natura ossija valur pekunjarju, jibqa' jiddependi mill-eżitu tal-kawża appuntu biex tiġi determinata x-xorta tal-"interess" li hu ċeda lill-werriet l-ieħor.*

*Jekk il-parti avversarja teċċepixxi li ma hemmx lok għall-liċitazzjoni mitluba tal-oġġett ereditarju, u din l-eċċezzjoni tkun bażata fuq l-allegazzjoni illi l-awtur tal-kontendenti, ġa proprjetarju ta' dak l-oġġett, kien ried illi wara mewtu dak l-oġġett tieħdu l-parti konvenuta, jew għax dak l-oġġett kien ġie lilha mogħti b'rigal mill-awtur komuni, din l-allegazzjoni ma hix fondata, jekk il-volontà tal-awtur komuni ma ġietx espressa b'testment, jew jekk, trattandosi ta' oġġett ta' valur, l-allegata donazzjoni ma tkunx saret b'att publiku. U għalhekk, dak l-oġġett kien u baqa' tal-awtur tal-kontendenti, u wara mewtu sar komuni bejn il-werrieta tiegħu.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li "għal dawk li huma ħwejjeġ mobili minnhom innfishom, jew titoli għall-portatur, il-pussess għandu favur it-terzi ta' bwona fede l-effett stess ta' titolu" ma tistax tiġi nvokata ħlief minn min hu terz. U ġuridikament huwa terz kwalunkwe persuna li tkun estranea għal rapport guridiku eżistenti bejn persuni oħra. Il-massima "il possesso vale titole," jew "possideo quia possideo", tapplika meta hemm azzjoni ta' rivendikazzjoni ta' ħaġa mobili, u l-possessur tagħha jkun terz differenti għar-rivendikant, jiġifieri li ma jkollu ebda rapport ġuridiku mar-rivendikant; mentri l-każ ta' min jitlob fil-konfront tal-ko-eredi l-liċitazzjoni ta' oġġett ereditarju huwa każ totalment differenti, billi l-azzjoni eżerċitata mhix dik rivendikatorja, imma dik "communi dividundo"; u kwindi l-imsemmija dispożizzjoni ma tapplikax.*

*U anki k'eku kienet tapplika, il-persuna konvenuta li teċċepixxi dan il-pussess u tinvoka din id-dispożizzjoni tal-liġi jeħtieġ li jkollha l-pussess mhux ekwivoku; u mhux univoku l-pussess li jkun bażat fuq it-tolleranza tal-ko-eredi, jew għax l-oġġett kontrovers kien użat minn dik il-persuna billi bħala*

*ko-eredi kellha dritt li taghmel użu minnu bħala ħaġa komuni. L-istess tolleranza turi li t-titolu tal-possessur ta' dak l-oġġett kien prekarju; u żgur li ma hux esklużiv, molto più meta dak il-pussess għand min jinvoka d-dispożizzjoni msemmija kien kontrastat mill-ko-eredi, u meta l-fatti juru li l-istess pussess ma kienx paċifiku.*

*Xejn ma jiswa li persuna li tinvoka dan il-prinċipju favur tagħha hija mara li nkludiet dak l-oġġett fil-kitba taż-żwieġ tagħha bħala oġġett tagħha, jekk il-ko-eredi l-oħrajn ma kienux edotti b'dan il-fatt; kif lanqas ma tiswa l-allegazzjoni li dak l-oġġett ma ġiex inkluż fid-denunzja tas-suċċessjoni tal-awtur komuni magħmula minn wieħed mill-ko-eredi l-oħrajn, billi l-esklużjoni tiegħu minn dik id-denunzja setgħet kellha motivi oħra li, għalkemm ma dehrux, jistgħu jiġu faċilment supposti.*

*Għaldaqstant, it-talba għall-liċitazzjoni ta' dak l-oġġett bħala ħaġa komuni hija sostnuta.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-kontendenti, bħala eredi ta' missierhom il-Maġġur Falzon Sant Manduca, huma proprjetarji fi kwoti ugwali ta' pendent tal-brillanti; u li l-atturi jridu jitterminaw din il-komunjoni; u l-pendent fuq imsemmi ma hux komodament diviżibbli; talbu li, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni tal-komproprjetà tal-kontendenti fil-preċitat pendent, tiġi ordnata minn din il-Qorti l-vendita in liċitazzjoni tal-pendent fuq deskritt, u r-rikavat jiġi diviż bejn il-kontendenti terz kull wieħed. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ssottomettiet (1) illi l-attur Victor Falzon Sant Manduca ċeda kwalunkwe dritt li seta' kellu fuq il-pendent lil ħuh Albert qabel il-kawża, u għalhekk ma għandu ebda dritt li jagħmel il-kawża, u (2) illi l-pendent huwa proprjetà tal-eċċipjenti, u għalhekk id-domandi huma infondati;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1958, li biha rrespinġiet fis-sens infraskritt l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, b'dan li l-ispejjeż, minħabba x-xorta tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur Victor Falzon Sant Manduca; iddikjarat *illi l-pendent jappartjeni lill-kontendenti, salvi talvolta* r-rapporti bejn l-atturi; u ordnat illi dak il-pendent jinbiegħ b'liċitazzjoni, fuq l-istima ta' Joseph Azzopardi (ex-konslu tad-deheb), għal dan l-oġġett espressament inkarigat, u r-rikavat tal-bejgħ jiġi konsegwit mill-kontendenti skond il-liġi; l-ispejjeż, barra dawk ġa provvduti, jitħallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;

Illi huwa veru, kif ammetta l-istess Victor Falzon Sant Manduca fix-xhieda tiegħu (fol. 16 tergo), li huwa ċeda lil ħuh Albert id-drittijiet tiegħu fuq il-pendent in kwistjoni bil-miktub, jiġifieri bi skrittura privata. Veru wkoll illi din iċ-ċessjoni saret qabel din il-kawża (fol. 33). Iżda jibqa' veru wkoll li ċ-ċedent, bħala wieħed mill-eredi ta' missieru (li lilu kien jappartjeni l-pendent), ma ċediex, u lanqas seta' jċedi, il-kwalità tiegħu ta' eredi, bil-konsegwenzi kollha ġuridiċi li din il-kwalità timporta. "Quando si vende un'eredità", jgħid Pothier, "non si vende già il titolo e la qualità di erede. Questo titolo e qualità sono annessi alla persona dell'erede, e non possono separarsene...... Da ciò deriva che l'erede il quale ha venduto i suoi diritti ereditari non resta ei meno erede, e che in virtù di tale vendita non è punto liberato dagli impegni da esso contratti accettando l'eredità. Quindi ei resta obbligato verso i creditori della successione, verso i legatari, e gli uni e gli altri possono intentare *le loro azioni* contro *di lui, salvo il suo* regresso contro l'acquirente, il quale deve liberarnelo" (Vendita. para. 530);

Tal-istess fehma huwa Laurent (Diritto Civile, Vol. XXIV, para. 570);

Għalhekk, il-preżenza tal-attur Victor fil-kawża mhix inutili jew ozjuża; molto pjù illi huwa kien u baqa' responsabbli tal-konsegwenzi lilu derivanti mill-kwalità ereditarja,

fosthom anki l-kwistjoni rigwardanti l-pendent formanti parti mill-kompendju ereditarju; salvi dejjem, naturalment, ir-rapporti tiegħu mać-ċessjonarju. Di pjù, jirriżulta illi ċ-ċessjoni ma ġietx denunzjata skond il-liġi, apparti l-kwistjoni tal-validità tagħha, peress li tirrigwarda parti minn eredità (art. 1552 u 1553 Kod. Ċiv.). Del resto, l-azzjoni esperita tibqa' dejjem sostenibbli fil-persuna tal-attur Albert, li huwa inkontestabbilment wieħed mill-eredi, u f'din il-kwalità għandu dritt, anki waħdu, li jesperixxi l-azzjoni odjerna. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-eċċezzjoni tal-konvenuta mhix f'lokha, u għandha tiġi respinta;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi l-konvenuta tippretendi li d-domandi tal-attur huma infondati, billi l-pendent huwa ta' proprjetà tagħha. Skond ir-riżultanzi proċesswali, din il-proprjetà hija tibbażaha (1) fuq li missierha qabel miet kien wegħdha l-pendent, (2) u fuq li hija ppossediet il-pendent bħala tagħha mindu nkludietu fil-kitba taż-żwieġ tagħha, li saret fid-9 ta' Awissu 1938;

Illi, dwar l-ewwel motiv, il-konvenuta xehdet li missierha kien qalilha li fit-testment ma kienx għamel preferenzi, imma ried li l-pendent tieħdu hija (fol. 17). Din iċ-ċirkustanza mhix biżżejjed sostnuta, anzi tinsab sostanzjalment negata minn Beatrice Falzon Sant Manduca, ommha, li xehdet li żewġha qatt ma kien wera dik l-intenzjoni, u biha ma kienet semgħet minn ħadd, lanqas mill-istess konvenuta (fol. 13 tergo u 14). Imbgħad, mhux ta' min jinjora ċ-ċirkustanza deposta mill-istess konvenuta (fol. 17), illi ċjoè hija kienet tisma lill-ommha tgħid li missierha taha l-pendent bħala rigal — ħaġa li ma taqbelx mal-versjoni l-oħra, li ċjoè missierha ried li l-pendent tieħdu hija wara mewtu;

Illi, kwantu għat-tieni motiv, fid-dibattitu orali l-konvenuta nvokat favur tagħha l-applikazzjoni tal-art. 595 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi "għal dak li huma ħwejjeġ mobili, minnhom innfishom, jew titoli għall-portatur, il-pussess għandu favur it-terzi ta' bona fidi l-effett stess tat-titolu". Din id-dispożizzjoni, analoga għall-art. 707 tal-

Kodiċi Ċivili Taljan u għall-art. 2279 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, tikkonsagra prinċipju stabbilit biex jipproteġi t-terzi in bwona fede, u għalhekk dawk biss li huma terzi jistgħu jinvokawha favur tagħhom. Konsegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk il-konvenuta hijiex jew tistax tiġi kunsidrata bħala terza persuna quddiem l-atturi;

Ġuridikament huwa terz kwalunkwe persuna li tkun estranea għal rapport ġuridiku eżistenti bejn persuni oħrajn; u fil-każ in ispeċje huma terzi biss dawk kollha li ma humiex il-proprjetarji tal-ħaġa u lanqas għandhom rapporti miegħu. "Terzo", jinnota Pacifici Mazzoni,, "è colui che si mantiene estraneo ad un rapporto intervenuto fra altre persone; bensì non sono coloro che contrattano direttamente col proprietario della cosa mobile" (Istituzioni, Vol. III, para. 28). Dan iwassal għall-konsegwenza, kif josserva Troplong, illi "si suppone la cosa passata per più mani" (Prescrizioni, para. 1043); u skond il-ġurisprudenza taljana, "terzo possessore è colui al quale l'acquirente l'ha successivamente alienato" (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 707, para. 207);

Minn dan jidher illi mhux applikabbli l-art. 595 fuq ċitat meta bejn l-attur u l-konvenut possessur ikun hemm rapport ta' obligazzjoni (v. Troplong, op. ċit., para. 1044); u din l-obligazzjoni tista' tkun mhux biss dik derivanti mill-liġi, iżda wkoll dik derivanti minn kuntratt, kważi-kuntratt, delitt, jew kważi-delitt, fis-sens tal-art. 1000 Kod. Ċiv. Dan hu l-insenjament ta' Lomonaco (Nozioni di Diritto Civile Italiano, paġ. 352);

Illi, meta wieħed japplika dawn il-konsiderazzjonijiet għall-każ tagħna, ma jkunx jista' jasal ħlief għall-konklużjoni li l-konvenuta mhijiex dik it-terza persuna li tikkontempla l-liġi. Difatti, sew jekk missierha wegħedha li l-pendent tieħdu hija, sew jekk tahulha bħala rigal, dan ifisser illi bejnha u l-atturi hemm rapporti obligatorji; bejnha bħala preferita fost l-eredi jew bħala donatarja vera u proprja, u bejn l-atturi li, bħala eredi ta' missierhom, ikomplu l-persuna tiegħu u jirrappreżentawh skond il-liġi. Għalhekk jonqos wieħed mir-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-art. 595 fuq ċitat;

Illi lanqas ma jirrikorri l-element tal-pussess; għaliex dan irid ikun "animo domini" u leġittimu, jiġifieri jrid ikollu l-karattri kollha preskritti fl-art. 2212(a) tal-Kodiċi Ċivili, u fost ħwejjeġ oħra jrid ikun pussess "mhux ekwivoku"; jiġifieri jrid jirriżulta b'ċertezza illi l-possessur iddetjena l-ħaġa "animo domini" ad esklużjoni ta' ħadd ieħor. Issa, din il-kwalità fil-pussess tal-konvenuta ma tirrikorrix. Difatti, hija stess xehdet:— "Il-pendent żammejtu jien bħal kieku xi ħadd kien tahuli rigal"; u billi hija riedet tħallas il-valur tiegħu lill-atturi, u ħuha Victor ma għoġbitux l-ogħla stima ta' £350, u ppretenda li l-pendent jiswa £1000, il-konvenuta rrispondietu mhux li l-pendent kien tagħha, imma illi "b'£1000 ma nkunx nista' nżommu . . . u f'dan il-każ inpoġġieħ fid-diviżjoni" (fol. 19 u 19 tergo); u l-istess ħaġa kkonferma żewġha Eric Weale meta xehed (fol. 21):— "Blanche expressed the wish to keep the pendant; but if valued at astronomical figures, she could not afford to keep it". Tkompli tikkonferma dan ix-xhud Beatrice Falzon, meta tgħid illi "meta dan l-aħħar (il-konvenuta) irritornat mill-Ingilterra, qalet li l-pendent ġiebitu biex naqsmuħ" (fol. 15);

Illi xejn ma jiswa l-użu tal-pendent magħmul mill-konvenuta; għaliex dan l-użu, barra milli kellha dritt għalieh bħala ko-eredi u konsorti, ġie wkoll tollerat mill-ko-eredi l-oħra; u huwa magħruf illi l-atti dovuti għal sempliċi tolleranza mhumiex biżżejjed għall-akkwist tal-pussess (art. 563 Kod. Civ.); wisq anqas meta l-kwistjoni fuq dan il-pendent bdiet bejn il-werrieta mmedjatament wara l-mewt tad-deċujus (fol. 13 tergo). Lanqas għandu mportanza l-fatt li l-konvenuta kkomprendiet il-pendent fost l-oġġetti tagħha fil-kitba taż-żwieġ; għaliex, apparti l-konsiderazzjonijiet fuq rilevati, ma saretx il-prova li l-atturi kienu jafu b'dan il-fatt;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, billi ma jirrikorrux tnejn mir-rekwiżiti preskritti mill-art. 595 fuq ċitat, ma hemmx bżonn li jiġi eżaminat jekk il-konvenuta ppossedietx il-pendent "in buona fede";

Illi, fl-aħħarnett, mhux ta' min jinjora l-prinċipju li, meta l-konvenut ma jiddefendix ruħu bis-sempliċi pussess

("possideo quia possideo"), imma jibbaża dak il-pussess fuq xi titolu, bħal ma huwa l-każ tagħna, il-konvenut ikun obligat jissostanzja dan it-titolu; u jekk il-prova li jagħmel ma tkunx adegwata, hu jitlef il-benefiċċju talvolta derivanti mill-pussess, u jimmilita kontra tiegħu l-prinċipju l-ieħor "melius non habere titulum quam habere vitiosum" (Kollez. XXXII-I-735; VIII paġ. 292 col. lma.). Issa, jekk kien veru li kienet intenzjoni tad-decujus li l-pendent tieħdu l-konvenuta, u li dak kien it-titolu tagħha, dan it-titolu hu vizzjat billi ma jirriżultax mit-testment; jekk mbgħad it-titolu kien id-donazzjoni (ir-rigal tal-missier), jonqos l-att publiku rikjest mil-liġi;

Illi għaldaqstant il-pendent kien, baqa', u għadu proprjetà tal-wirt, u kwindi tal-kontendenti; u ma hemmx bejniethom kontestazzjoni li huwa ma jistax jinqasam komodament u mingħajr ħsara;

Rat fol. 57 in-nota tal-appell tal-konvenuta (rappreżentata mill-Professur Dottor Victor Caruana bħala mandatarju speċjali tagħha), u fol. 58 il-petizzjoni tagħha, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u l-istanza tiġi respinta; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-istanza hija diretta għall-liċitazzjoni ta' oġġett ereditarju, possedut in komune, li ma hux diviżibbli komodament u bla diskapitu. Il-konvenuta qegħdha topponi l-istanza għaliex issostni li dan l-oġġett hu ta' proprjetà esklużiva tagħha. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hi delimitata fit-tieni paragrafu tal-iskrittura fol. 32, u hi din: Il-konvenuta tippretendi li l-pendent, provenjenti mill-eredità paterna, hu ta' proprjetà esklużiva tagħha "in natura", salv li hi għandha takkredita lill-atturi, ħutha, bil-valur ta' sehemhom ta' dan il-pendent. Mentri l-atturi jsostnu li huma għandhom sehem "in natura" mill-istess pendent, ċjoè terz kull wieħed mill-kontendenti. Jekk għandha raġun il-konvenuta, hu ovvju li ma hemmx lok għall-liċitazzjoni;

salv l-aċċertament tal-valur li bih għandhom jiġu akkreditati l-atturi;

Ikkunsidrat, fuq il-punt preliminari nvolut fl-ewwel eċċezzjoni fol. 10, risollevata fil-petizzjoni, dik ċjoè tal-"carenza d'azione" da parti tal-attur Victor Falzon Sant Manduca;

Din iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fiż- 17 ta' Gunju 1957. Dak inhar stess, bl-iskrittura issa eżibita fol. 70, l-ewwel attur qal hekk:— "I the undersigned, Victor Falzon Sant Manduca, sell to my brother Albert Falzon Sant Manduca, who accepts, my interest (i.e. one third of ownership) in the pendant belonging to our late father for the price to be fixed by Court or by any expert chosen by us two . . .";

Issa, jekk wieħed irid jipprexxindi mill-punt, li jista' jkun kwistjonabbli, jekk iċ-ċessjoni b'sempliċi skrittura, u mhux b'att publiku, hijiex valida, trattandosi ta' dritt li jista' jitqies ereditarju (difatti fl-iskrittura fol. 70 jingħad "belonging to our late father", u fl-iskrittura fol. 36 il-pendent ġie kunsidrat bħala oġġett li, minħabba d-dissens fuqu, kien qiegħed jiġi għall-mument eskluż mid-diviżjoni ereditarja sakemm tiġi definita l-kwistjoni fuqu — ara art. 1552(2) Kap. 23 Ediz. Riv.), jibqa' dejjem illi, għalkemm l-ewwel attur ċeda lit-tieni attur "the interest (i.e. one third of ownership) in the pendant", ix-xorta ta' dak l-"interest", u ta' dak il-"one third of ownership", ċjoè jekk kellux ikun "in natura" ossija biss bħala valur pekunjarju, dan baqa' jiddependi mill-eżitu tal-kawża odjerna; li l-ewwel attur l-istess baqgħalu nteress li jkompli jsostni, appuntu biex tiġi determinata x-xorta tal-"interest" li hu ċeda lill-attur l-ieħor. Tant dan hu veru, li fl-istess ġurnata li fiha saret l-iskrittura fol. 70 u li fiha ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, l-ewwel attur, fl-skrittura fol. 67, awtorizza lill-attur l-ieħor "to take and continue in my name any action in Court that will be necessary in connection with the said pendant". Vwoldiri illi fl-istess ġurnata saret iċ-ċessjoni fol. 70, il-prokura fol. 67, u saret iċ-ċitazzjoni; dan juri ċar li l-intenzjoni taż-żewġ atturi kienet li l-ewwel wieħed iċedi lill-ieħor l-interess li kellu fil-pendent, salv mbgħad li, bħa-

la riżultat tal-kawża li kellha tiġi ntentata, mhux mit-tieni attur biss imma mit-tnejn (għalhekk intqal fil-prokura "in my name"), jiġi stabbilit jekk dak l-interess kienx sehem in natura jew valur pekunjarju biss. Dan kollu apparti wkoll il-konsiderazzjoni li ċ-ċessjoni kienet tirrigwarda dritt litiġjuż, u li minnu kwindi, skond il-liġi (art. 1553 ibidem), qabel id-denunzja taċ-ċessjoni, ebda "locus standi" ma seta' jinħoloq "ex novo" vis-a-vis l-konvenuta, oltre u all'infuori ta' dak li kien inħoloq bl-adizzjoni tal-eredità paterna mit-tliet kontendenti, li ċjoè l-interess fil-pendent kien għadu dak ta', terz kull wieħed minnhom;

Għalhekk l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta dwar dan il-punt ma hijiex aċċettabbli;

Ikkunsidrat;

Fil-meritu;

Il-konvenuta ma tantx kienet preċiża fl-indikazzjoni tal-vera bażi tal-pretensjoni tagħha. Hija tgħid li missierha kien jgħid li l-pendent riedha li tieħdu hi (fol. 17). Issa, apparti l-valur legali ta' dawn il-kliem, kieku ntqalu, għaliex ċertament, bħala laxxitu "causa mortis", ma hemmx il-formalità meħtieġa, u bħala donazzjoni, stante li ma hix ħaġa ta' valur modiku, tonqos ukoll il-formalità preskritta mill-liġi, jibqa' dejjem li l-konvenuta tinsab reċiżament kontraddetta mix-xhieda ta' ommha, li qalet mhux biss li qatt ma semgħet lil żewġha jgħid dawn il-kliem, imma li qatt ma semgħet minn għand ħadd b'din ix-xewqa ta' żewġha, lanqas minn għand l-istess konvenuta (fol. 13 tergo u fol. 14). Verament aktarx li l-konvenuta semmiet lill-ommha din il-pretensjoni tagħha li missierha kien wiegħedulha; għaliex l-attur Albert Falzon Sant Manduca jgħid daqshekk, iżda jgħid ukoll li l-omm kienet tkun pronta tirrispondiha "mhux veru, għax kieku kien jagħtihulek" (fol. 38). Hu veru wkoll li l-attur Victor Falzon Sant Manduca jgħid, fol. 17, li l-konvenuta kienet il-favorita tal-papà tagħhom; imma b'daqshekk biss ma tiġix il-konferma ta' dak li qegħdha tippretendi l-konvenuta. Hu forsi anki ta' min jinnota li l-konvenuta fix-xhieda tagħha lanqas tgħid verament li missierha kien qalilha li xtaq li hi tieħu dan

il-pendent, imma li semgħetu jgħid hekk, preżumibbilment lill-ommha (fol. 17). Hu stran li, kieku din kienet ix-xewqa tiegħu, hu qatt ma esprimiha direttament lill-konvenuta biex din żgur tkun taf biha. L-attur Victor Falzon Sant Manduca jgħid ukoll, fol. 16, li ommu dejjem kienet tikkontraddiċi lill-konvenuta meta din kienet tippretendi li missierha kien esprima dik ix-xewqa, u jżid jgħid li l-papà tiegħu lilu qatt ma semmielu xejn dwar daqshekk;

Il-konvenuta nvokat ukoll favur tagħha d-dispost tal-art. 595 Kap. 23, li jinkorpora l-massima "in fatto di mobili il possesso vale titolo". Hi tibbaża ruħha fuq il-fatt li dan il-pendent ilu għandha almenu miż-żwieġ tagħha ma' Alexander Chancellor fl-1938 (ara xhieda tagħha fol. 17 u kitba taż-żwieġ fol. 23);

Din id-dispożizzjoni, però, ma tapplikax għall-każ preżenti. Hija f'lokha t-twissjia li tinsab fis-sentenza riportata fil-Fadda, comm, art 797-709, a propożitu tad-dispożizzjoni analoga tal-Kodiċi Taljana, para 147, fis-sens illi:— "Codesta massima è da considerarsi uno di quei temperamenti che i bisogni sociali possono adottare 'propter utilitatem contra juris rationem'; laonde deve essere applicata nei precisi termini formulati dal legislatore". Issa, din l-eċċezzjoni, "possideo quia possideo", tapplika meta hemm azzjoni ta' rivendikazzjoni ta' ħaġa mobili u l-possessur tagħha jkun "terz" differenti għar-rivendikant (Fadda, loc. ċit. 206); vwoldiri ma jkollu ebda rapport ġuridiku mar-rivendikant. Issa, il-każ preżenti huwa toto caelo "divers". L-atturi mhumiex qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja, imma qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni "communi dividundo", ċjoè qegħdin jitolbu li oġġett ereditarju jinqasam per mezz ta' liċitazzjoni, peress li d-diviżjoni proprja tiegħu ma hix fattibbli. Mal-konvenuta huma għandhom rapporti ġuridiċi ta' ko-eredi; il-konvenuta għalhekk mhix terza persuna estranea għalihom, li tista' tikkonfrontahom b'dik l-eċċezzjoni. Anzi fid-Dritt Ruman kien jitqies daqs kieku bl-adizzjoni tal-eredità komuni jinħolqu bejn il-ko-eredi obligazzjonijiet bħal dawk kontrattwali (ara Hamberger, Diritto Romano, nota (h) paġ. 232, para. 369, u para. 589 hemm riferit). Dan kollu jfisser li hemm bejn il-kontendenti rapporti ġuridiċi diversi minn dak kontemplat fl-artikolu

nvokat; liema rapporti ġuridiċi diversi jagħtu lok għal azzjoni diversa minn dik rivendikatorja, u jirrendu għalhekk inapplikabbli dak l-artikolu (ara, per analoġija, Baudry, Della Prescriz. paġ. 666, para. 837, u l-awturi l-oħra ċitati in nota 3);

Hu anki riċevut paċifikament fid-dottrina li l-pussess, fost rekwiżiti oħra, ma għandux ikun ekwivoku (idem p. 677), anki għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni partikulari. Issa, suppost li din id-dispożizzjoni kienet applikabbli għal dan il-każ, hu ovvju, mill-kumpless tal-provi, li għall-anqas il-pussess tal-konvenuta, jekk mhux anki in mala fede, kien almenu ekwivoku. Hu ċar mir-riżultanzi proċesswali li wara l-mewt tal-missier il-konvenuta b'xi mod ħadet dan il-pendent fil-pussess tagħha, u baqgħet iżżommu għandha non ostante l-protesti kontinwi ta' ħutha l-atturi, speċjalment tat-tieni attur. Hu kapibbli li, stante li hija kienet l-unika tifla, huma wrew xi ftit tat-tolleranza, fis-sens li, biex ma jippreċipitawx mill-ewwel il-kwistjoni fil-Qorti, ma kienux impedewha li tilbes dan il-pendent f'xi okkażjonijiet, li fihom kien jintlibes pjuttost "ad pompam", bħal fl-okkażjoni taż-żwieġ ta' Vanda Desain. Dan l-att ta' tolleranza ma jirrimedjax għall-vizzju tat-titolu; għaliex l-event posterjuri dejjem jiġi riferit "ad primordium tituli". Bħal'a ko-eredi, del resto, hi kellha anki d-dritt li tagħmel użu mill-ħaġa komuni, bla ma dan l-użu jista' qatt jagħti lok għall-pussess univoku (art. 528(a)(b) Kap. 23). L-istess tolleranza turi li t-titolu hu prekarju (Laurent, Vol. XXXII, p. 427, para 549); u appuntu l-prekarjetà tagħmel it-titolu ekwivoku. Ċert li, f'ċirkustanzi simili, il-pussess ma jistax ikun esklużiv. Qalet sentenza tal-Kassazzjoni Franċiża, ċitata in nota mill-Baudry, loc. ċit. para. 860:— "Il possessore che detiene un oggetto trovato nella successione alla quale è stato chiamato con altri eredi, non può invocare l'art. 2279; occorre un possesso esclusivo";

Lanqas jista' jingħad li l-konvenuta kienet qegħda tippossjedi, jew setgħet tippossjedi, "animo domini". Hija kienet taf li l-pussess tagħha ma kienx paċifiku; għaliex kien kontrastat mill-interessati l-oħra, u dak il-kuntrast kontinwu ma setgħax ħlief jinnewtralizza r-rekwiżit tar-ritenzjoni tal-ħaġa bl-animu ta' proprjetarju (ara Ricci,

Corso, Vol. 5, p. 69, para. 55). Del resto, kontra l-eżistenza tar-rekwiżit tal-"animus domini" hemm iċ-ċirkustanza, deposta mill-istess konvenuta u żewġha, li hi kienet inklinata li ġġib il-pendent fid-diviżjoni jekk l-istima tiegħu titla' f'ċiffra raggwardevoli (ara xhieda tagħha fol. 19 u ta' żewġha fol. 21);

Ikkunsidrat;

Ma jidherx li l-aspett ġuridiku ta' din il-kwistjoni jista' jiġi alterat biċ-ċirkustanza li, meta l-konvenuta żżewġet ma' Chancellor, hi ddotat ruħha u nkludiet il-pendent fid-dota; għaliex ma jirriżultax (apparti l-valur legali ta' din iċ-ċirkustanza, kieku rriżultat), li l-atturi kienu edotti minn dan il-fatt. Lanqas jista' jkollha xi effett iċ-ċirkustanza l-oħra li l-pendent ma ġiex inkluż fid-denunzja tassuċċessjoni ta' missier il-kontendenti, li għamel it-tieni attur. L-ommissjoni setgħet kienet motivata minn raġunijiet oħra li, għad li ma dehrux, jistgħu jiġu faċilment supposti;

Jista' jiġi anki aġġunt, biex jiġi aktar illustrat il-karattru nebuluż tal-preteża tal-konvenuta, il-fatt li fin-notizzja taż-żwieġ f'ġurnal lokali (fol. 25), ġie msemmi li l-konvenuta kienet liebsa dan il-pendent "a family heirloom, the gift of her mother". Hu veru li hi qalet li ma kienetx hi li tat l-informazzjonijiet lir-redazzjoni tal-ġurnal, fol. 20 tergo, imma hu anki veru li kienet hi li eżibiet bħala prova dan l-estratt mill-ġurnal (fol. 18 tergo), u li kienet hi li għamlet l-arranġamenti kollha meta ġiet biex tiżżewweġ (fol. 14);

Għalhekk, il-każ preżenti ma hux il-każ tal-akkwirent "a non domino" li, in bażi għall-akkwist tiegħu in bwona fede, u għall-pussess tiegħu leġittimu, qiegħed jirrespinġi l-azzjoni rivendikatorja ta' sid il-ħaġa, li miegħu dan l-akkwirent hu veru terz, għax ma kellu ebda rapport ieħor; imma hu, inveċe, il-każ ta' ko-eredi li qiegħed jitlob id-diviżjoni per mezz ta' liċitazzjoni ta' oġġett possedut in komune ma' ko-eredi oħra kontra l-ko-eredi, li magħha għandu rapporti ġuridiċi ta' komunjoni ta' eredità; liema ko-eredi qegħdha tipprova topponi pussess vizzjat in oriġine, li kompla jkun vizzjat stante l-kuntrast kontinwu, u li ma

setgħax ikun "animo domini" minħabba, tra altro, id-dikjarazzjoni magħmula minn din l-istess ko-eredi, li hi kienet pronta taqsam l-oġġett in natura jekk ma jikkonvenilhiex tħallas il-valur tal-ishma tal-oħrajn;

Għal dawn il-motivi, prevju riġett tal-ewwel eċċezzjoni fol. 10;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-konvenuta kif rappreżentata.